MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1783/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc,**
**surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Attard Bros.**
**Co. Ltd u l-istess Attard Bros. Co. Ltd**

**vs**

**Guzeppi Borg**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm852.06 sborsati mill-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobistiku li gara Naxxar fis-7 ta' Ottubru 2002 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru JOE 415 habat mal-vettura Nru ABG 763 proprjeta tas-socjeta attrici Attard Bros Co. Ltd u misjuqa

minn Anthony Mizzi ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Ra l-ammissjoni maghmula llum stess seduta stante mill-konvenut.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta‘ Marzu 2003 u dawk ta’ l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali kontra l-konvenut u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------